ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA`
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Sample Paper**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2019**

**IS-SEBA' SENA** **L-ISTUDJI SOĊJALI** **L-ISKEMA TAL-MARKI**

## Taqsima A

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. rikostitwita | 2. unjons | 3. soċjalizzazzjoni | 4. soċjetà | 5. globali |
| 6. reliġjon | 7. fil-parlament | 8. multikulturali | 9. it-teknoloġija | 10. nonformali |

**marka x 10 = 10 marki**

## Taqsima B

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. c | 2. b | 3. a | 4. a | 5. c |
| 6. b | 7. a | 8. b | 9. a | 10. c |

**marka x 10 = 10 marki**

## Taqsima C

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. veru | 2. veru | 3. falz | 4. veru | 5. veru |
| 6. falz | 7. falz | 8. falz | 9. falz | 10. veru |

**marka x 10 = 10 marki**

## Taqsima D

| **Sentenza** | **Marki** | **Tweġibiet**<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 2,2 | Kieku nkellem lil Shamison biex ma jitkellimx b'mod negattiv fuq il-kultura u reliġjonijiet oħra. Infehmu li kulħadd għandu dritt li jipprattika r-reliġjon u l-kultura tiegħu sakemm ma jagħmilx ħsara lil ħaddieħor. |
| 2 | 2,2 | Li tieħu sehem fi sport jista' jagħti ħafna vantaġġi bħal li titgħallem taħdem f'tim, tkun mentalment, fiżikament u soċjalment b'saħħtek filwaqt li titgħallem titlef u tirbaħ. |
| 3 | 2,2 | Ngħidlu bil-perikli tat-tipjip u nħeġġu ma jpejjipx iktar. Ngħidlu bil-problemi għas-saħħa u l-mard li jikkawża fosthom il-kanċer tal- |

| | | |
|---|---|---|
| | | pulmun. Jekk jibqa' ma jismax nkellem lill-ġenituri tiegħu jew l-għalliema tal-iskola biex jieħdu ħsiebu. |
| 4 | 2,2 | In-nisa huma validi daqs l-irġiel u għandhom l-istess drittijiet bħal m'għandhom l-irġiel. Illum in-numru ta' nisa li qed ikomplu jistudjaw għadda in-numru ta' irġiel. Ix-xogħol tad-dar għandu jinqasam bejn il-koppja filwaqt li l-uniku differenza li hemm bejn l-irġiel u n-nisa hija waħda bijoloġika. |
| 5 | 2,2 | Id-diżabilità m'għandhiex twaqqafni milli nsir ħabib ta' din il-persuna. Nara kif ninkludiha ma' sħabna tal-klassi billi nagħmlilha kuraġġ biex tagħmel attivitajiet bħal kumplament tal-klassi. Li persuna tkellimha u li tara ħadd ma jagħmel *bullying* ma' dik il-persuna, tista' tkun ta' għajnuna kbira. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Taqsima E**

| Mistoqsija | Marki | **Tweġibiet**<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 1 | Il-bniedem fis-soċjetà. Il-gruppi soċjali. |
| 2. | 2 | Fil-gruppi n-nies ifittxu li jgħinu lil xulxin, li jtejbu l-qagħda tagħhom filwaqt li jissodisfaw il-bżonnijiet u l-ħtiġijiet tagħhom soċjali, bħal imħabba u emozzjonijiet oħra. |
| 3. | 2, 1, 1 | Il-grupp soċjali hu magħmul min-nies li jimxu fuq l-istess regoli u jaħdmu għall-istess għan. Jeżistu diversi eżempji, fosthom Tim tal-futbol, każin politiku, għaqda mużikali, għaqdiet tal-festa, Scouts, choir, il-ħbieb eċċ. |
| 4. | 1, 2 | L-istudent huwa mistenni li jsemmi grupp soċjali partikulari u jsemmi r-rwol li għandu. Eżempju team tal-futbol għandu l-għan li jżomm il-futbolers tiegħu fl-aħjar forma, jkun hemm teamwork, jista' jkollhom xi nursery biex jitħarrġu l-pleyers żgħar, jara li jirbaħ il-logħob u fejn jitlef jara xi tkun r-raġuni għaliex tilef, eċċ. |
| 5. | 1,1,1,1 | Fost il-vantaġġi nsibu:<br>• Nitkellmu ma' oħrajn bl-istess interessi<br>• Nifhmu lil xulxin<br>• Ngħinu lil xulxin<br>• Nfarrġu lil xulxin<br>• Nifirħu ma' xulxin<br>• Noħorġu flimkien<br>• Naħdmu flimkien |
| 6. | 2, 2, 2 | • *Irrid inkun naf nisma' u nifhem lill-oħrajn* - fil-grupp, il-membri juru ċertu rabta lejn xulxin billi pereżempju jiltaqgħu regolarment u jkollhom attivitajiet flimkien. Fil-grupp irrid nisma' u nifhem l-ideat u l-opinjonijiet tal-oħrajn. Fil-grupp kulħadd jaqsam l-ideat tiegħu mal-oħrajn. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • *Attitudni pożittiva* – li nivvalutaw dak li qed jgħid ħaddiehor, għalhekk huwa mportanti li wieħed jisma' u jifhem xi jkun qed jgħid l-ieħor u mhux biss jisma' u ma jagħtix każ.<br>• *Irid ikun hemm komunikazzjoni tajba* - irid ikun hemm djalogu ċar fejn kull parti għandha tingħata ċ-ċans li tesprimi l-opinjoni tagħha u wara jintlaħaq ftehim bejn il-membri kollha. |
| 7. | 2 | Il-kooperazzjoni tinvolvi individwi jew gruppi li jaħdmu flimkien biex jintlaħqu l-għanijiet individwali jew kollettivi tagħhom. Jekk ma jkunx hemm il-kooperazzjoni l-għanijiet diffiċli jintlaħqu u f'ċerti każi l-grupp jisfaxxa. |
| 7. | 3 | Fi grupp, is-solidarjetà bejn il-membri tispikka meta xi ħadd minnhom ikun f'diffikultà, u hawn il-membri l-oħra min b'mod u min b'ieħor, jaraw kif jgħinu lil dik il-persuna li tkun għaddejja minn xi żmien diffiċli tal-ħajja. Sempliċiment kelma, taf tkun biżżejjed sabiex turi s-sensittività tal-persuna għan-nies ta' madwarha. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima F**

Fil-paragrafu, l-istudenti għandhom juru li jafu s-suġġett, jagħtu definizzjonijiet ċari u joħorġu b'ideat rilevanti. L-25 marka jitqassmu kif ġej:

20-25 – Tajjeb ħafna
15-19 – Tajjeb
12-14 – Mhux ħażin
0 - 11 – Mhux tajjeb

| | | |
|---|---|---|
| 1. | 25 | • Is-soċjalizzazzjoni primarja sseħħ matul is-snin bikrin tat-tfulija u fost l-ewwel aġenti tas-soċjalizzazzjoni nsibu l-familja.<br>• Mingħand il-familja it-tfal jitgħallmu tagħlim importanti li jservi bħala għodda għall-futur. Mingħand il-familja it-tfal jitgħallmu l-lingwa, l-imġiba xierqa u l-valuri fost l-oħrajn għax dawn huma l-pedamenti tas-soċjalizzazzjoni u jservu għal iżjed tagħlim meta t-tfal jibdew l-iskola.<br>• It-tieni aġent tas-soċjalizzazzjoni importanti hija l-iskola. Fis-soċjalizzazzjoni sekondarja t-tfal joħorġu mill-ambjent strett tad-dar u jibdew imorru l-iskola.<br>• L-iskola jibdew t-tfal jiltaqgħu ma' diversi aġenti fosthom l-għalliema u ħbieb. Aġenti tas-soċjalizzazzjoni oħra jinkludu l-għaqdiet bħal mużew, scouts u gruppi oħra.<br>• Meta t-tfal jikbru, l-influwenza tal-ħbieb (*peer group*) tkun iżjed qawwija minn tal-familja. Jista' jkun li l-*peer pressure* tbiddel il-valuri li jkunu trabbew fihom id-dar u b'hekk it-tfal jibdew iġibu ruħhom bħal sħabhom. |

| | | |
|---|---|---|
| 2. | 25 | Soċjetà multikulturali tfisser soċjetà li fiha aktar minn kultura waħda. Dawn il-kulturi jgħixu fil-paċi flimkien. Malta hija soċjetà mħallta u multikulturali. Aktar ma jgħaddi żmien dan aktar qed jiżdied. Xhieda ta' dan huma n-nies li jgħixu jew jiġu bħala turisti li jiġu minn pajjiżi differenti. Dawn in-nies kollha għandhom il-kultura u l-identità tagħhom.<br><br>Lingwi differenti, użanzi fl-ilbies, reliġjonijiet differenti u ħwienet tal-ikel li jbigħu ikel ta' pajjiżi oħra huma kollha xhieda ta' kulturi oħra f'pajjiżna. Apparti dan kollu, il-mass midja tħalli l-impatt tagħha, fejn ħafna drabi l-messaġġ hu li għandna nkunu tolleranti u naċċettaw nies u kulturi differenti f'pajjiżna. Il-kummerċ u l-progress komplew żiedu l-importanza li f'pajjiżna għandna bżonn nkunu tollerati u naċċettaw kulturi oħra dan minħabba l-bżonn ta' aktar ħaddiema barranin fl-ekonomija Maltija. |
| 3. | 25 | Il-Globalizzazzjoni tgħina mhux ftit biex nwessgħu ċ-ċirku ma' min nistgħu nikkomunikaw. Fi ftit ħin nistgħu nikkomunikaw ma' nies minn pajjiżi differenti fid-dinja. It-teknoloġija u l-internet għen ħafna sabiex seta' jsir dan. Għalkemm kif qed naraw hemm ħafna pożittiv f'dan kollu, jista' jagħti l-każ li jkun hemm nuqqas fil-ħiliet ta' komunikazzjoni meta persuna tiltaqa' wiċċ mb'wiċċ ma' nies oħra. Jista' jkollok persuna li tkun eċċellenti biex tikkomunika fuq il-midja soċjali u mbagħad ma tkunx kapaċi tibni konverzazzjoni ma' persuna meta tiltaqa' magħha.<br><br>In-nies jikkomunikaw ma' xulxin biex jagħmlu l-kummerċ - xiri u bejgħ, sabiex jitkellmu u jżommu kuntatt ma' qraba tagħhom, sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom, biex jgħaddu messaġġ fuq suġġett u juru l-gosti u l-attivitajiet tagħhom. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Total 100 marka**